MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 404/2005

Kawza fil-lista: 26

**A B**
**vs**
**C D B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-kontendenti zzewgu nhar l-4 ta' Frar, 1984 skond id-dokument hawn anness u immarkat Dokument 'DB1'.

U premess illi l-partijiet izzewwgu minhabba li l-konvenuta harget tqila qabel iz-zwieg.

U premess illi l-ambjent ta’ madwar il-kontendenti, inkluz il-genituri taghhom, holoq pressjoni fuq il-kontendenti halli dawn jidhlu fiz-zwieg wara hames xhur li kien ilhom jafu lil xulxin.

U premess illi l-kontendenti kienu inkapaci illi jassumu r-responsabbiltajiet essenzjali li jinvolvi z-zwieg u ma kellhom l-ebda preparazzjoni halli jidhlu ghaz-zwieg u dana hekk kif l-attur se jipprova waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

U premess illi l-kontendenti damu biss ighixu flimkien tlett snin wara li kkontrattaw iz-zwieg taghhom.

U premess illi l-kontendenti isseparaw bonarjament bhar l-24 ta’ Frar, 1994 u dana skond il-kuntratt hawn anness u mmarkat Dok. ‘DB2’.

U premess illi l-imsemmi zwieg ghalhekk huwa ivvizzjat ai termini tal-Artikolu 19(1)(c), (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U premess illi ghalhekk iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex m’ghandiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa qieghdha tigi ngunta in subizzjoni.

Rat li l-konvenuta debitament ingunta baqghet kontumaci;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur u l-lista tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja minn din il-Qorti fis-sens li z-zwieg tieghu mal-konvenuta kkuntrattat fl-4 ta' Frar 1984 huwa null fil-ligi, in bazi ghal dak kontemplat fil-paragrafi [a][d] u [f] tal-Artikolu 19[1] tal-Kap.255

Illi l-Qorti semghet lill-attur jiddeponi u taghtih affidament.

Mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Il-partijiet kienu ltaqghu ma' xulxin f' Awissu 1983 u wara ftit, il-konvenuta harget tqila, bir-rizultat li l-attur kien gie kostrett li jizzewweg lill-konvenuta, meta allura hu kellu 20 sena u l-konvenuta kellha 16 il-sena. Di fatti dawna zzewgu sitt xhur wara, fl-4 ta' Frar 1984. Erba xhur wara, twieldet it-tarbija fis-27 ta' Gunju 1984. Sussegwentement fl-24 ta' Frar 1994 il-konjugi B ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali fejn iddikjaraw li kienu ilhom gja' mifrudin minn xulxin *de facto* hames snin.

Illi, kemm fl-affidavit tieghu kif ukoll fid-depozizzjoni li ta quddiem din il-Qorti, l-attur spejga li huwa ma riedx jizzewweg lill-konvenuta izda kien kostrett li jaghmel hekk kemm ghax missieru kien heddu u anke sawwtu sabiex jirranga l-izball li kien ghamel billi jizzewweg lill-konvenuta u b' hekk ma jigux f' ilsien in-nies, kif ukoll minhabba l-fatt li meta missier il-konvenuta sar jaf bi tqala ta' bintu huwa qafilha fl-istitut Tal Bon Pastur f' Hal Balzan fejn damet xahar u nofs, sakemm l-attur accetta li jizzewwigha bir-rizultat li din thalliet tohrog mill-istitut. L-attur jghid li hu kien thassarha lill-konvenuta maqfula fl-Istitut u b'hekk ukoll accetta li jizzewweg.
Jirrizulta ukoll mill-provi li wara li twieldet it-tifla, l-konvenuta bdiet thalliha mal-genituri taghha sabiex tlett darbiet fil-gimgha tohrog ma' hbiebha u ddum barra sa tard bil-lejl, anke sas-1.00 am. Ghal dan il-komportament ta' martu, ftit xhur wara z-zwieg, l-attur irreagixxa billi, inizjalment kien jillitiga maghha, izda sussegwentement beda johrog hu wkoll ma' shabu, u anke ma nisa. Fi kliem

iehor iz-zwieg sfaxxa fi ftit zmien wara li kien gie kkuntrattat.

Illi mill-kwadru premess li rrizulta sodisfacentement mill-provi, l-Qorti tirravvisa l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [a] minhabba li l-kunsens tal-attur kien vizzjat ukoll minn biza rizultat ta' vjolenza esercitata fuqu minn missieru;  kif ukoll dak kontemplat fil-paragrafu [d] bazati fuq difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq id-dmirijiet u drittijiet essenzjali li l-hajja mizzewwga timporta.  F' dan ir-rigward il-Qorti tosserva li kemm l-eta' zghira li kellhom il-partijiet, partikolarment il-konvenuta,  meta zzewwgu, kif ukoll tenut kont tal-fatt li dawna kienu ilhom 'jafu' lil xulxin ftit xhur biss qabel iz-zwieg, il-partijiet ma kienux preparati li jassumu l-obbligi tal-hajja matrimonjali, u fil-fehma tal-Qorti kienu f' dak l-istadju privi minn dik il-fakolta' kritiko–estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; kif ukoll minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.

Il-fatt li l-attur accetta li jizzewweg lill-konvenuta kemm ghax kien beza' minn missieru, kif ukoll ghax kien thassar lill-konvenuta meta dina kienet maqfula f' Istitut minnhabba dak li  hu kien ghamel maghha, kunsidrati fid-dawl tal-fatt li z-zwieg sfratta wara ftit ta' zmien ghax iz-zewg partijiet riedu jkomplu jghixu l-hajja ta' persuna single bil-hrug ta' spiss mal-hbieb taghhom separati minn xulxin u jdumu barra sas-sieghat bikrin ta' filghodu filwaqt li jhallu t-tarbija mal-genituri, juri b' mod car li dawna kienu impreparati li jassumu l-obbligi essenzjali tal-hajja matrimonjali rizultat ta' nuqqas ta' difett serju ta' *discretio judicii* f' dak iz-zmien li kkuntrattaw iz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba ta' l-attur hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt in bazi ghal dak li hemm kontemplat fil-paragrafi [a] u [d] tal-Artikolu precitat. Il-kawzali l-ohra bazati fuq il-paragrafi [c] u [f] ma jirrizultawx provati.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fl-4 ta' Frar 1984 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-

ligi. L-ispejjez jigu sopportati bejn il-partijiet fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------